# *Ngħarfu l-Knisja Tagħna*

Salvatore Mousu'

Mingħajr dubju li għall-Gżirjani l-aktar binja importanti għalihom huwa t-tempju parrokkjali. Huwa mhux biss il-landmark u l-punt fokali tal-lokalita', imma bħala binja l-egħżez u l-iktar imponenti. U ma jistax ikun mod ieħor il-għaliex fuq kollox huwa dak l-għasel li jiġbed lin-naħal mill-punto di vista reliġjużu spiritwali. Kulħadd, tista' tgħid, daħal ġo fiha, bosta drabi u numru mhux ħażin saħansitra jattendu f'din il-binja ta' kuljum.

Meta aħna nidħlu hemm ġew, naturlament l-ewwel interess, ħsieb u qima għandu dejjem ikun lejn Ġesu' sagramentat. Imbagħad wieħed jista' josserva, jifli u japprezza dak li huwa ta' interess tant ġenerali kif ukoll speċifiku tal-knisja tagħna.

Il-viċenda storika 'tal-ġebla' tal-1902 u tal-inkwadru ċkejken tal-Madonna kulħadd jaf biha u daqstant ieħor kulħadd jaf jew għallinqas għandu ideja ta x'ġara bid-devozzjoni u l-interess sussegwenti. Wara mbagħad ma damx ma tkebbes il-fervur tal-Gżirjani sabiex, bħal ma' raħal ieħor, ikollhom knisja denja ta' parroċċa. U bħal kull raħal ieħor, il-poplu bi ħġaru ikontribwixxa b'kull mod li setgħa ħalli jittella t-tempju tal-lum. U bħal bosta rħula oħrajn, imn'alla kienu dawk il-filantropi b'mod speċjali dawk kollha li offrew is-servizzi tagħhom b'xejn, għax kieku ma kienux dawk it-talin ma nafx x'tip jewx'limitu ta' knisja kien ikollna llum.



Qabel kollox ried ikun hemm l-art u din ingħatat b'xejn minn Giuseppe Muscat (mur ġibna illum li xi ħadd jagħti l-art tiegħu lill-Knisja eh !!). Biex ma jagħmilx għajb lil dan il-benefattuur kbir, daħal benefattur kbir ieħor u dan għall-iproġettar tal-knisja. Biex dan ma jkunx bizzejjed huwa offra ukoll li jiddisinja, jipjanta u saħansitra joffri s-servizzi tiegħu dejjem b'xejn. Dan kien Antonio Sammut, il-benefattur nazzarda




nsejjaħlu 'super' li bħala mgħallem idderieġa l-bini kollu tal-knisja mill-konċepiment sal-kompiment tagħha. Lil dan Antonio Sammut jien inqisu bħala wieħed mill-aħħar, jekk mhux l-aħħar, 'capomastri' li bih ingħalaq dan iċ-ċiklu formidabli ta' 'capomastri' li sa mill-era tal-Ordni tal-Kavallieri, kienu ħolqa prinċipali ta' tant u tant arkitettura eklesjastika tal-għaġeb fil-Gżejjer Maltin u Għawdxin.

Dan, bħal kbir l-ieħor, Andrea Vassallo, minkejja li ma kienux perti, iddisinja u ppjanti d-dettalji kollha tal-knisja preżenti. Biex jimxi mar-regoli fl-applikazzjoni u fil-għoti tal-permessi kien jenħtieġlu l-approvazzjoni u l-firma ta' perit u din sabha fil- perit Francesco Caruana, li wara ġiet approvata mill-awtoritajiet konċernati.

Mill-ewwel ġebla tal-1921 sa tmiemha fil-1935, Antonio kien dejjem tista' tgħid preżenti fl-andament u direzzjoni tax-xogħol mgħejjun ukoll b'xejn, mill-istess perit Caruana. Biex ngħidu kollox mhux ta' min iħalli barra lill-bennej prim Gaetano Sciberras, li għamel minn kollox biex iħaffef it-toqol tar-responsabilta' ta' Antonio. Iddispjaċini nirrimarka li llum ma nistgħux napprezzaw għal kollox il-lavur tabilħaqq preġevoli ta' dan il-bennej peress li m'ilux twettqet il- 'bright idea' li l-knisja tagħna tiżebaħ kollha u fuq kollox inħoss li l-akbar daqqa ta' ħarta kienet dik tal-kisi biż-żebgħa tal-kolonni 'doriċi' li tellfitna milli napprezzaw fil-milja tagħha il-ġebla żonqrija Maltija. Dan jekk jnflew sewwa, juruna li ma humiex sezzjonijiet jew biċċiet jew nofsijiet, kif isir illum, imma ċilindriċi sħaħ. Dan ifisser li llum mhux biss ma għandekx ċans li taħdimhom hekk talli ma nafx kemm tista' issib dik il-kwalita daqstant pura tal-ġebla korallina Maltija. J'Alla, għallinqas dal-kolonni biss jiġu 'meħlusin' miż-żebgħa ħalli s-sbuħija naturali tagħha terġa' tiżbokka.

Semmejt il-kolonni bħala 'doriċi' għas-sempliċi raġuni li kull min semma dil-knisja lissen li hi ta' stil doriku. Dan huwa żbaljat għax mhux talli l-knisja m'għandha xejn doriku talli l-anqas dawn il-kolonni ma' huma doriċi imma pjuttost kolonni fuq stil toskan.

Bħala stil l-idea ispirazzjonali tal-imgħallem u l-perit kienet żgur dik bażilikali. U fuq dan l-aġġettiv ta' min isemmi l-erba' regolamenti fondamentali ta' bażilika (bħala knisja) li huma: ir-rettangolarita' (tul doppju tal-wisa), l-absidalita, 3 ambulatorji u s-soqfa ċatti. Hawn naraw li peress li n-navata prinċipali fit-tond allura ma nistgħux nikkunsidrawha bħala tali pura, imma pjuttost imħalta ma diversi influenzi minn dawk barokki sa dawk neo-klassiċi. Punt ieħor li ta'

min isemmih hu li l-istil bażilikali ma kien jirrikjedi qatt kampnari (jekk u meta saru dawn seħħu bosta sekli wara). Allura jekk kien hemm bżonn ta' rifjut tal-ikkunsidrar bażilikali dan żgur li seħħ mit-tip ta' faċċata li mbagħad hi barokka kollha kemm hi.

Forsi l-qarrej igħid li qed nidħol f'wisq dettalji imma hawn ma nistax ma nirrakomandax lill-istess qarrej biex ma jħallatx in-nom ta' bażilika mal-aġettiv bażilikali. Bażilika llum hi titolu ta' grad elevat ta' knisja filwaqt li bażilikali tirreferi għal stil ta' binja spirata mill-bażilika, l-ewwel dik Ruman u mbagħad dik ta' knisja taż-żmien bikri tal-Kristjaneżmu.

Din tad-"diversi influwenzi" tissuġerielna li aħna meta nkunu napprezzaw fil-milja tagħha l-knisja, speċjalment bħal din tagħna, ikun jinħtieġ li nħarsu lejha taħt żewġ aspetti. L-ewwl wieħed huwa taħt dak li bl-ingliż insibuh as a whole u mbgħad meta jkolla ċ-ċans li niflu d-dettalji. Hekk per eżempju għandna l-pitturi taż-żewġ ambulatorji dak li dari konna insibuh bħala l-kor, li llum bit-twarrib ta' l-artal tista' tgħid li spiċċa, iż-żewġ kappelluni purament barokki; it-twieqi u tibqa' sejjer.

U la qed insemmi t-twieqi ma nistax ma nirrimarkax hawn dwar l-ippustjar infeliċi tal-kanen tal-orgni li barra mill-kruha ta' kaxxa b'dik l-ispeċi ta' arpa/lyra stunata fiha nnifisha daqskemm ambjentalment dawn tellfu il-valur u l-interess arkitettoniku tat-tlett itwieqi. Naf li l-orgni kien jenħtieġ u jien ferm favuru, imma naf ukoll li hawn mijiet ta eżempji ta' orgnijiet li l-kanen tagħhom irrispettaw u anki sebħu l-arkitettura interna ta bosta knejjes. Li huwa żgur illum huwa l-fatt li qabel meta tkun ħiereġ mill-knisja kont tħares il fuq lejn l-orgni bħala sit u tinteressa ruħek bl-aħħar dwal li t-twieqi kienu isell-mulek bihom qabel toħroġ. Illum dan spiċċa.

semmejt il-kor li huwa iffaċċat appuntu mill-orgni u xtaqt li ndur għal fuqu, imma dan jieħu artiklu fit-tul per se u allura la semmejt ukoll il-pitturi aħjar għal darba nagħlaq bihom.

Hekk globalement meħudin ta' min igħid li huma kollha kopji ta' pitturi jew stampi li fit-tletinijiet kienu ferm popolari u aktarx li saru bis-saħħa ta' benefatturi li ma setgħux jonqsu milli jinsistu fuq qaddisin partikolarment devoti lejhom. Inzerta li l-pittur Ganni Vella (1855-1977) li għamel it-tlett pitturi tal-Kor kien fl-aqwa tiegħu fiż-żmien it-tkomplija tal-knisja u tneħħi tnejn ipprovda is-sitta l-oħra.

Jekk nibdew fuq il-lemin tagħna aħna u deħlin fil-knisja l-ewwel li naraw huwa dak 'ta' Santa Teresa tal-Bambin Ġesu, fl-idea tiegħi l-aħjar kopja issegwi dik ta' San Ġorġ martri, ispirata minn dik ta' Mattia Preti, wara San Ġwann Battista de la Salle, bla dubju spirata mill-viċinanza tal-Kulleġġ Kbir li kien qed jinbena fl-istess żmien mhux 'il bogħod mill-knisja. U tispiċċa din in-navata kollha ta' Ġanni Vella b'kopja oħra tal-Palombi ta' San Pawl waqt it-tempesta.

Biex nibqgħu fuq il-pitturi naqsmu dritt għan-naħa l-oħra u fuq nofs l-altar naraw il-Qalb ta' Ġesu ta' Guido Cali (1914 - 1975) - fl-idea tiegħi l-aħjar fost it-tmien kwadri - nerġgħu mbagħad għal Ġanni Vella b'San Mikiel, fuq Guido Reni jkompli dak ta' San Antnin li pittru Antonio

Caruana ( 1905 - 1986) u tingħalaq is-serie b'San Ġużepp dejjem b'Ġanni Vella. Kif tafu sitta minn dawn il-pitturi huma fuq sitt konfessjonarji li għalkemm illum l-użu tagħhom kważi spiċċa donnhom li ħadu posthom u saru bicca mill-knisja kważi anki arkitettonikament.

La qegħdin fil-pitturi ma' nistax nitlaq mingħajr ma ngħid xi ħaġa dwar is-sett tal-pitturi li kollha qegħdin fil-għoli u huma nterament ta' Giuseppe Briffa (1901-1987). Bħal ma ġralu Ġanni Vella, dal-pittur kellu l-glorji tiegħu imma kultant xogħolu tnaqqas fil-livell artistiku. Jekk tiftakru s-sena l-oħra kont għaddejt l-istess rimarka għal Ġanni Vella meta ddiskrivejt is-sublimita' tat-titular li tikkuntrasta ferm mal-medjokrita taż-ewġ kwadri laterali. U l-istess nistgħu ngħidu għal Briffa meta nikkuntrastaw il-ġmiel tal-luneta tan-Nativita' fuq il-kappellun tad-Duluri, mad-djufija tal-Annunzjazzjoni fuq il-lunetta l-oħra li hi nieqsa minn ispirazzjoni, disinn u perspettiva.

Fl-abside ċentrali Briffa naturalment qagħad aktar attent u armonjożament ikkumplimenta l-arkitettura. Bħala suġġett huwa kkuntrasta xi ftit mil-idea ta' Vella li tana Madona f'atmosfera kollha kemm hi eterea fl-hena ċelesti filwaqt li Briffa ried jagħtina idea ta' rabta mal-Madonna li minkejja fit-tron tal-ġenna, jinsab fuq is-sod tal-art u fejn qed tnewwel minn hemm fuq l-abitu Karmelitan lil San Xmun Stock, fis-seklu tlettax meta kien għadu fuq din l-art. L-anġli fuq in-naħa tal-Bambin Ġesu' iddaħħlu biex jibbilanċjaw lil San Xmun - kompożizzjoni simili ħafna ta' Ramiro Cali' ( 1884-1947) , missier Guido li pitter il-Qalb ta' Ġesu', li kienet fil-koppla tal-Karmnu tal-Belt qabel twaqqgħet.

Fiż-żewġ flieli naraw liż-żewġ protagonisti kbar tal-Ordni Karmelitan,. il-Profeta Elija, meqjus bħala l-prototip tal-ewwel eremiti fil-Monti tal-Karmelu u fil-felli l-ieħor ir-riformatriċi u mistika Santa Tereża t'Avila. L-aħħar xogħol li ħallielna Briffa huwa dak tal-korsija fis-sitt pendenti ta' bejn l-arkati, erbgħa minnhom bl-erbgħa evanġelisti u bejniethom l-akbar żewġ appostli San Pietru u San Pawl. Jagħlqu ċ-ċiklu Briffjan l-erbgħa nofs pendenti tat-truf b'puttini jew kerubini dekorattivi.

Iż-żewġ kapelli tal-ġnub fihom pitturi xi ftit imqanżħin ta' Lazzaro Pisani (1864-1932), imma fis-sagristija għandna pitturi ferm interessanti ta' valur superjuri għal dawk tal-knisja, tneħħi it-titular stupend nifthemu, imma dan jekk Alla jrid għal darb 'oħra.



*In-Nativita ta' Giuseppe Briffa tal-1970 turina il-kompożizzjoni favorita tiegħu bbażata fuq it-trijangularizżazzjoni: interessanti ukoll iċ-ċirku li qisu ħiereġ minn Ġesu Bambin ma tlett persuni u ieħor jespandi ċentralment b'ritmu mal-arkata tal-lunetta. Opra ammirevoli li tikkuntrasta ferm ma dik tal-lunetta pariġġa tal-Lunzjata.*